**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

# Laqgħa Nru. 15-07/2016

Data: 13 t'April 2016

Hin: 5.00pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Floriana

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Davina Sammut Hili | – *Sindku* |
| | Vincent Borg | – *Viċi Sindku* |
| | James Aaron Ellul | - *Kunsillier* |
| | Albert Demarco | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | – Aġent *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Matthew Paris | - *Kunsillier* |
| Assenti: | Michaela Farrugia (Ambaxxatur Lokali taż-Zghazagh) | |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti imqajjma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21236951 E-Mail: floriana.lc@gov.mt

9. Jum il-Floriana

10. St Patrick's Day

11. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

12. Ġenna ta Ġonna

13. Skema ta Parkeġġ Residenzjali

14. Proġetti u Xogħlijiet

15. Traffiku u parkeġġ

16. Ġonna u Soft areas

17. Financial Statements 2015

18. Aġġornament.

# Minuti - 15-07/2016

Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-Kunsillier Matthew Paris, informa li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill qabel li jkun skużat.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tal-erbgħatax (14)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Albert Demarco ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 4 (AD, JAE, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.3. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

## 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Il-Kunsillier Vincent Borg tkellem fuq materja 3.5.1, u saqsa jekk il-kollettur tal-iskart ġiex mitlub jagħmel l-aġġustamenti fil-ħinijiet.

2.1.1. Is-Sindku ikkonfermat li dan sar.

2.2. Il-Kunsillier Vincent Borg tkellem fuq materja 3.8.1 u staqsa jekk il-planters tpoġġewx.

2.2.1. Is-Sindku Davina Samut Hili infurmat li kienu tpoġġew planters tal-plastik, iżda qed jiġu mressqa. Hija żiedet tgħid li ġew ordnati planters tal-konkos sabiex b'hekk ma jitressqux.

2.2.2. Il-Kunsillier Vince Borg informa li soluzzjoni permanenti huma l-bollards.

2.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem fuq materja 3.8.1 u staqsa jekk l-istickers ġewx ordnati.

2.3.1. Is-Segretarju informa li dawn waslu u ser ikunu qed jeħlu fil-ġranet li ġejjin.

2.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 17.7 u staqsa jekk itteħditx azzjoni

2.4.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-ilment għadda lill-ELC għal azzjoni. Hija żiedet tgħid li estendiet it-talba sabiex iduru is-siġar kollha tal-lokalita'.

2.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem dwar materja 17.9 u informa li tkellem ma diversi mastrudaxxi, u li hekk kif ikollu il-kwotazzjonijiet f'idejh ser ikun qed jgħaddihom lill-Kunsill.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lil-membri tal-Kunsill rigward l-offerta' tal-MTA rigward il proġett lejn il-komunità, u li dan ser ikun jammonta għal €20,000. Hija ressqet il-kuntratt propost lill-membri tal-Kunsill.

3.1.1. Il-Kunsill aċċetta l-offerta' u qabel li l-Perit tal-Kunsill għandu jissuġġerixxi liema parti tal-proġett iddisinjat tista' issir bis-somma imsemmija.

3.1.2. Is-Sindku infurmat ukoll li fil-ġranet li ġejjin, l-MTA ser tkun qed tgħaddi il-pagament dovut fir-rigward tal-permessi tal-kunċert tas-sena 2015.

3.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat b'korrispondenza li għaddiet bejn l-Aġent-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Mark Mizzi, rappreżentant ta' Justin Haber Football Academy, fejn is-Segretarju irrimarka li l-kontijiet tad-dawl mhumiex jitħallsu immedjatament, kif ukoll, li l-Kunsill ma jistax iħallas kontinwament fuq ħsarat li jsiru fil-fencing,

3.2.1. Is-Sindku infurmat li s-Sur Mizzi irrisponda li kien jifhem din il-preokkupazzjoni u li kien ser jieħu ħsiebha mad-diretturi. Hija żiedet tgħid li s-Sur Mizzi irrimarka li qed ikun hemm ħafna vandaliżmu u atitudni skandaluża minn diversi żgħażagħ li qed jiffrekwentaw il-post.

3.2.2. Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħat komunikat lill-Justin Haber Football Academy li l-kontijiet pendenti jridu jitħallsu fi żmien ġimgħa u jekk dan ma jsirx, il-Kunsill jikkunsidra li ma jissuplixxix elettriku.

3.2.3. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintalab stima għall-kamera tas-sigurtà bl-ispeċifikazzjonijiet bħal dik li twaħħlet hdejn il-Kapuċċini, u sussegwentement jiddeċiedi jekk jinvestix iktar f'din it-tip ta sigurtà.

3.3. Is-Sindku infurmat li għad irid jiġi ffinalizzat il-kuntratt ma' Justin Haber Football Academy, liema kuntratt ma kienx konkluż minħabba numru ta' tibdil fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

3.3.1. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, bil-finalizzazzjoni tal-kuntratt hekk kif propost lill-istess Dipartiment mill-kunsill preċedenti.

3.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-Perit tal-Kunsill kien irreveda l-pjanti u l-estimi tal-proposta li saret għall-piċċ tal-boċċi ġewwa iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

3.4.1. Il-Kunsill innota li l-istima u l-proġett jinkludu iktar minn dak li kien mistenni, u għaldaqstant qabel li jerġa' jiltaqa' mal-Perit sabiex isir iktar sempliċi bi spiża ferm inqas.

3.5. Is-Sindku Infurmat li nżammet laqgħa mal-organizzatur tal-kunċert tat-Tenur Joseph Calleja, bl-iskop ikun li l-kunċert isir fuq il-Fosos. Hija infurmat li l-organizzatur talab lill-Kunsill jissuġġerixxi prezz ħolistiku u fiss li jinkorpora il-ħlasijiet kollha li jkunu dovuti.

3.5.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li għandu jitlob kontribuzzjoni ta' €1,000.

## 4. Korrispondenza

4.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mill-GRTU li tirrigwarda ir-rilokazzjoni tal-uffiċini tagħhom ġewwa l-Floriana.

4.1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li, bħalma jsir ma' kull applikazzjoni simili, il-Kunsill iressaq is-sottomissjonijiet lill-MEPA u f'dawn il-każijiet jirrimarka li ma jaqbilx ma iktar uffiċini ġol-lokalita'.

4.1.2. Is-Sindku qalet li l-GRTU informa li sabiex ipatti għal xi inkonvenjenzi li jista' joħloq ser ikunu qed jiftħu l-bibien għall-Furjaniżi, fejn ser joffru servizz ta' one stop shop sabiex jgħinu lir-residenti ifittxu x-xogħol jew jintegrawhom fis-settur privat.

4.1.3. Il-Kunsill innota li dawn, tal-inqas ser ikunu qed iroddu xi ħaġa lura. Madankollu ll-Kunsill qabel li jistghu jagħtu iktar, bħal kontribuzzjoni jew xi forma ta' għajnuna lill-għaqdiet tal-lokal.

4.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Hugh Peralta, f'isem il Floriana FC Nursery, fejn talbu li tittella' serata konġunta mal-Kunsill.

4.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jtella' l-attività' konġuntament mal-Floriana FC Nursery bi spiża li ma teċċedix l-€450 u bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

4.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Stephen Mallia, li ressaq korrispondenza rigward talba għall-permess ta' *party* – Holi Malta, li jixtieq itella' is-Sur Walter fil-parkeġġ tal-Floriana FC, il-parti li mhux asfaltata.

4.3.1. Il-Kunsill innota li dan it-tip ta kunċert ħa jġib inkonvenjent għal-lokal, fejn ser isir kunċert b'DJs Popolari go spazju qalb ir-residenti u mingħajr ebda benefiċċju għal-lokal, fuq bażi purament kummerċjali.

4.3.2. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għandha issir it-talba lill-Kunsill mill-organizzaturi sabiex itellghu l-attività u sussegwentement jiddeċiedi l-Kunsill.

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier Albert Demarco saqsa jekk il-Kunsill għandux lista ta' postijiet residenzjali vakanti.

5.1.1. Is-Sindku wieġbet fin-negattiv.

5.2. Il-Kunsillier Albert Demarco saqsa jekk il-playing fields humiex responsabbiltà tal-Kunsill, u dan għaliex innota xi nuqqas żgħir li jeħtieġlu attenzjoni.

5.2.1. Is-Sindku informatu li dawn huma responsabbiltà tal-Kunsill, u jekk jinnota xi nuqqas ghandu jgħaddih immedjatament lill-uffiċċju amministrattiv sabiex tittieħed azzjoni b'mod immedjat.

5.3. Il-Kunsillier Albert Demarco saqsa jekk hux possibli tingħalaq għal ftit siegħat Triq San Tumas kantuniera ma' Triq Sant' Anna sabiex issir attività żgħira minn stabbiliment kummerċjali li hemm fiż-żona.

5.3.1. Is-Sindku infurmat li ma ssib l-ebda oġġezzjoni, suġġetta għall-approvazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll għall-permessi kollha neċessarji.

5.3.2. Il-Kunsill qabel.

5.4. Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa lis-Sindku jekk hux possibli li jiġi avviċinat il-kuntrattur tat-tindif tat-toroq sabiex jagħti iktar attenzjoni lit-toroq, minħabba il-karti tal-festa.

5.4.1. Is-Sindku infurmat li diġà sar dan, u ser ikun qed jibgħat aktar ħaddiema fil-ġranet li ġejjin, partikularment is-Sibt.

5.4.2. Is-Sindku żiedet tgħid li minħabba ir-riħ, u karti li jaqghu mill-gallariji, ikun diffiċli li dan jiġi kkontrollat.

5.4.3. Il-Viċi Sindku Vince Borg issuġġerixxa li fis-snin li ġejjin, il-Kunsill għandu jipprovdi iktar reċipjenti tal-iskart, partikularment fi Ġnien il-Mall. Il-Kunsill qabel.

5.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa lis-Sindku dwar il-possibbiltà li jerġa isir eżerċizzju ieħor relatata mal-kontroll tal-ħamiem.

5.5.1. Is-Sindku rrakkomandat li jsir eżerċizzju differenti, permezz ta' Falkuni. Il-Kunsill qabel li jivverifika dwar jekk dan jistax isir.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Il-Viċi Sindku Vincent Borg ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tal-Anzjani li saret fi Frar.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 12/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul astjena mill-pagamenti ta' Firm Lorenzo Ellul u ta' Jean Claude Vella

7.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vince Borg u ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti 11/7 bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, AD, DSH, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 9. Jum il-Floriana

9.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret li wara qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill, il-Premju Ġieħ il-Floriana ingħata lill-Maġistrat Joseph Zammit Mc Keon.

9.2. Il-Kunsill innota li l-attività kienet ta suċċess, u intlaqat tajjeb minn dawk li attendew.

9.3. Il-Kunsillier James Aaron qal li hemm xi affarijiet żgħar li jistgħu jitjiebu fl-edizzjonijiet li ġejjin, madankollu, l-esperiment irnexxa ħafna u hu jinsab sodisfatt.

9.4. Il-Kunsillier Albert Demarco irrimarka li l-attività kienet aħjar minn dak li stenna, preżentata u organizzata tajjeb.

## 10. St Patrick's SUNDay

10.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li kienet attività sabiħa, bl-attendenza tkun relattivament minn nies tal-lokal, iżda ma kienx hemm daqshekk konkorrenza minn persuni minn barra l-lokal. Għaldaqstant huwa ssuġġerixxa li jsir iktar marketing fuq l-attività.

10.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li hemm bżonn li naħdmu iktar fuq dan l-aspett.

10.3. Il-Viċi Sindku Vince Borg qal li l-Kunsill issa jrid jaħseb ukoll sabiex jifforma u/jew jikkonferma l-kumitat organizzattiv minħabba li probabbilment ser ikun hemm bżonn ta' kambjament f'dan ir-rigward għas-sena d-dieħla.

## 11. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

11.1. Il-Kunsillier Albert Demarco li kien festival sabiħ immens, filwaqt li l-Viċi Sindku Vince Borg żied jghid li kellu standard għoli, anke fejn jidħol saħħa u sigurtà.

11.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li mill-filmati meħudin bid-drone, deher li kien hemm folla kbira.

11.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li s-sorpriża tal-aħħar intlaqat tajjeb ukoll.

11.4. Il-Kunsill qabel li għandu jsir iktar marketing għall-attività.

## 12. Ġenna ta' Ġonna

12.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li s-Sur Paul Galea huwa disponibbli fid-9 t'Ottubru u għaldaqstant l-attività tista' tinżamm dakinhar.

12.2. Il-Kunsillier Albert Demarco issuġġerixxa li l-Kunsill jesperimenta bil-marketing f'din l-attività.

12.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul issuġġerixxa li jsir tibdil fil-kuluri tal-materjal tal-attività, kif ukoll issuġġerixxa li jinġibdu filmati u ritratti minn perspettiva differenti, din id-darba, minn taħt, minflok kif qed isir bid-drone.

## 13. Skema ta' Parkeġġ Residenzjali

13.1. Il-Kunsill qabel li l-kunsilleri jiltaqgħu f'format ta' working group fil-11 ta' Mejju fil-5.00pm sabiex jibda' x-xogħol relatat ma' din l-iskema.

## 14. Proġetti u Xogħolijiet

14.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul issuġġerixxa li l-Kunsill jiltaqa' mas-Sur Jason Micallef tal-V18, fejn għandu jiġi ssuġġerit li jsir monument ta' Robert Sammut faċċata ta' dak ta' Dun Karm. Il-Kunsill qabel.

14.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li fl-aħħar loġoġ, fejn hemm ir-ROCS, m'hemmx rampi għall-aċċessibilta' fuq iż-żewġ naħat u għaldaqstant issuġġerixxa li jsir dak li hemm bżonn sabiex ikunu aċċessibbli. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Ministeru tal-Infrastruttura.

14.3. Il-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li lill-istess ministeru għandna nitolbuħ sabiex isir l-asfaltar ħdejn il-lights fejn is-senjalazzjoni inżebgħet b'kuluri differenti, u fl-istess ħin nitolbu liz- żebgħa tiġi rrifreskata. Il-Kunsill qabel.

## 15. Traffiku u Parkeġġ

15.1. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat reminder lil Trasport Malta sabiex is-servizz ta' trasport tal-Park and Ride jibda jieqaf fil-Floriana, u dan minħabba li hemm ħafna talbiet għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel.

## 16. Ġonna u Soft Areas

16.1. Is-Sindku qalet li waqt il-Karnival u waqt il-Festa, il-ġonna li jaqghu fir-responsabbiltà tal-Kunsill u l-latrini pubbliċi ta' ġo fihom ma jkunux nodfa bħas-soltu.

16.2. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jiġi infurmat b'dan u għandu jiġi infurmat li waqt dawn l-attivitajiet, jew oħrajn simili, għandu jsir l-arranġament adegwat sabiex is-servizz ma jieqafx.

16.3. Il-Kunsillier Vince Borg ippropona li l-bankijiet li hemm fi Ġnien Sir Luigi Preziosi u li huma suġġetti għall-ħmieġ tal-għasafar, jiċċaqalqu minflok isiru fuq pjattaformi tal-konkos bħal dawk li saru fil-passat. Huwa issuġġerixxa ukoll li l-imwejjed li qegħdin preżentement ma' dawn il-bankijiet jiċċaqalqu ukoll. Il-Kunsill qabel

16.4. Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li jinħaslu il-globi tac-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, Sir Luigi Preziosi, u kif ukoll ta' Pjazza Robert Sammut. Il-Kunsill qabel.

16.5. Is-Sindku pproponiet li s-siġra ta' ħdejn in-niċċa li hemm fit-telgħa tal-Kurċifiss titneħħa, u din minħabba li qed tkun ta' ostaklu kif ukoll qed tghatti l-istess niċċa. Il-Kunsill qabel.

## 17. Financial Statements 2015

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ppreżentat il-Financial Statements tas-Sena 2015 hekk kif aġġustati mill-Awdituri, u li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa, u talbet lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjegazzjoni dwarhom.

17.2. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega kif l-awdituri għamlu numru ta aġġustamenti dwar it-tranżazzjonijiet u l-preżentazzjoni tal-Financial Statements. L-aġġustamenti, finalment taw stampa iktar pożittiva tal-finanzi tal-Kunsill, madankollu xorta qed jagħmel defiċit kull sena.

17.3. Il-Viċi Sindku Vince Borg ressaq mozzjoni , ssekondata mill Kunsillier Albert Demarco, favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements 2015, hekk kif aġġustati bir-rakkomandazzjonijiet tal-Awdituri, bir-rizultat ikun:

Favur: 4 (VB, AD, DSH, JAE)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 18. Aġġornament tal-Laqgħa

18.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju fil-5.00. p.m

Il-laqgħa ntemmet fis-7.35 p.m

**IFFIRMATA**

*Davina Sammut Hili*
*Sindku*

**IFFIRMATA**

*Svetlick Flores*
*A. Segretarju Eżekuttiv*

Data: 16 ta Mejju 2016